# IR-RAĦAL TA' SAN ĠWANN

*(24 ta' Ġunju)*

San Ġwann il-Għammiedi kien iben ta' qassis Lhudi, jismu Zaħarija. Qassis dak iż-żmien ma kienx ifisser li kien iqaddes. Kien wieħed raġel li jieħu ħsieb xi xogħol mix-xogħlijiet talqadi t'Alla li kienu jsiru ta' kuljum fil-Ħakel, jew *Tempju*, ta' Ġerusalem. l-ewwel isem ta' din il-belt, kien bil-Kangħani: Bet-Kârem, jiġifieri Dar ta' Kârem. Issa, *Kârem* jew *Karîm* tfisser *ġeneruż*, jiġifieri wieħed ta' qalb tajba li jħobb jagħti ħafna mill-ġid li jkollu. Sata' kien isem ta' xi raġel li bena hemm l-ewwel djar inkella isem



Dehra ta' Għajn Kârem (fix-xellug, il-kanpnar tal-Franġiskani).

Kull qassis kien jagħmel ix-xogħol li jmissu, għal ġimgħa żmien. Imbagħad jerġa' jmur lejn daru sakemm jerġa' jmissu jaħdem mill-ġdid.

Il-qassisin kellhom fejn joqogħdu bliet għalihom. Il-belt ta' Zaħarija ma kenitx bgħid wisq minn Ġerusalem. Kif inqisu l-lum, qiegħda erbat imjiel u nofs in-naħa tal-Qibla, jew *Sud* tagħha. Jekk tmur bil-mixi minn Ġerusalem u ma tgħaġġelx wisq, trid biex tasal ftit anqas minn siegħa. Aktarx li ta' xi alla tal-Kangħanin. Ma tistax taf sewwa. Il-lum igħidulha *Għajn* Kârem, għax fiha għajn ta' l-ilma ħiereġ minn ġewwa l-art.

Nistħajluna mela mmorru nżuru żjara lil Għajn Kârem, ir-raħal fejn twielem San Ġwann il-Għammiedi. Immorru u niġu bil-għaġla, għax żmien wisq ma għandniex. Nistħajluna li nitilqu minn Ġerusalem.

Sakemm indumu nimxu ġewwa l-belt, ngħaddu dejjem mit-triq li tieħu

għal Ġaffa. Imbagħad kif noħorġu mill-belt, nilwu lejn ix-xellug u nibqgħu nimxu qalb il-egħlieqi u, kull kemm, xi ħarġa blat. Hemm trid tara dak il-ġremxul il-kbir, jekk tkun ix-xemx! Kull gremxula daqs fenek ta' l-Indja. Hawn jgħidulu *ħardôn*. Nitilgħu naqra ta' telgħa, u fil-bidu tan-niżla ta' warajha nsibu raħal sabiħ u ġdid, mibni mil-Lhud. Nibqgħu nimxu. Fuq il-lemin naraw wied, kollu blat u xi siġra 'l hawn u 'l hinn, u 'l fuq minnu, fil-lemin ukoll, ġebel għoli, u fuqu għadhom jidhru l-ħniedaq jew *trinċieri* li kienu ħaffru t-Torok għall-gwerra ma' l-Ingliżi, fis-sena 1917. Imbagħad induru lejn ix-xellug u taħtna naraw ir-raħal ta' Għajn Kârem, mimdud bejn il-għoljiet.

Għajn Kârem mibni donnu nofs qamar fuq id-djul ta' l-iġbla. Inti u tħares lejh, mit-triq, qabel ma tidħol fih, is-sehem li tara fuq il-lemin, huwa l-ħâra tal-Misilmin u s-sehem tax-xellug l-aktar li joqogħdu fih, Insara. Dan kien sa ftit snin ilu, għax in-nies ta' Għajn Kârem il-lum kollha Lhud. L-ewwel ma tolqtok id-dehra tal-kanpnar tal-knisja, għoli u rqiq, bl-arloġġ b'erba' wċuh, u taħtu saqaf tal-karmît aħmar u koppla sewda ta' l-irsâs, li huma l-knisja u d-Dejr tar-Rħieb Franġiskani ta' Ġieżu, mibnija fuq l-imkien fejn twieled S. Ġwann. Ir-rjus ta' l-iġbla ta' madwar ir-raħal huma għeri u xôrija, blat weħedhom; imma r-raħal in-nifsu, u madwaru u taħtu, kollu siġar: siġar ta' kull ġens. Innaħa t'isfel, siġar tar-rummien, tal-lewż u tal-ħawħ u berquq; u 'l fuq, l-aktar li hemm siġar taż-żnuber u taċ-ċipress. Siġar taż-żejtun, imbagħad, 'il fuq u 'l isfel, kullimkien. Is-siġar lewnhom aħdar sewdieni, daqs kemm huma qawwijin.

Induru minn wara d-Dejr tal-Franġiskani u ninżlu niżla żgħira, li għandha fuq il-lemin tagħha bini u fuq ix-xellug raba' u xi ġnien. Nidħlu fir-raħal u niġbdu lejn il-kanpnar. Taħtu naraw daħla għamla ta' ħnejja, donnha d-daħla tal-mina tal-vapur ta' l-art. Nidħlu minnha u nsibu bitħa kbira u minn ġewwa l-bitħa titla' minn żewġ tirġien żgħar għal knisja, quddiem il-bieb.

Nidħlu. Il-knisja maqsuma fi tlieta: korsija kbira fin-nofs u żewġ korsijiet dojoq fil-ġnub. L-artal tan-nofs jixbah ħafna lill-artal tal-knisja tal-Kunċizzjoni ta' l-Imsida (kull meta nidħol ġo dik il-knisja dejjem naħsibni qiegħed Għajn Kârem, imħabba f'daqshekk). Bħalu fuqu hemm niċċa kbira bl-istatwa tal-Madonna (issa biddluha u għamlu San Ġwann), bħalu maqtugħ 'il barra mill-ħajt, u bħalu fih mogħdija minn warajh għal ġewwa s-sagristija. U s-sagristija hija sala kbira fuq il-lemin tal-knisja, bħal ma hi ta' l-Imsida wkoll. Ta' Għajn Kârem mibnija għal ħabta ta' nofs is-seklu XII u ta' l-Imsida ma hux magħruf meta. Imma nħallu dan fil-ġenb.

Fil-qiegħ tal-korsija tal-lemin hemm artal żgħir imma fil-qiegħ tal-korsija tax-xellug ma hemmx artal. Hemm xatba, jew *kanċell,* tal-ħadid sabiħa u warajha taraġ tar-rħam li jinżel għal ġewwa Għar żgħir, miksi bir-rħam ukoll, li ġewwa fih jingħad li Santa Elizabetta ġiebet fid-dinja lil S. Ġwann.

Noħorġu mill-knisja u naraw quddiemna bini kbajjar li hu skola tar-Raħbiet. Imbagħad ninżlu niżla u naqbdu *Strada Rjali* ta' Għajn Kârem: fuq ix-xellug djar b'xi gallarija u fuq il-lemin ħofra, b'ħafna siġar tal-frott, qisha ġnien. Nimxu ftit ieħor u nilħqu l-Għajn, li minnha ħa l-isem dan ir-raħal ta' Għajn Kârem.

L-ilma ta' din il-għajn ġej minn ġewwa l-blat, imma issa ħiereġ minn ġewwa mwiężeb, għax l-għajn mibnija

u fuqha hemm ħnejja. Ġewwa fiha hemm il-ħwat biex jaħslu l-ħwejjeġ fihom in-nisa, bħal ma hemm f'Għajn il-Ħammiem, barra l-Imdina, hawn Malta. Hemm ukoll qatgħa, maqtugħa u magħluqa, fejn *jistfew,* jiġifieri jinħaslu, biex jinħafrulhom dnubiethom, qabel ma jsellu l-Misilmin. Fuqha hemm mejdân bħal kanpnar tal-Għarab li minn fuqu jitla' jwedden ix-Xiħ tagħhom fix-xahar tar-Ramadan.

Minn hawn tara l-isbaħ dehra ta' Għajn Kârem. Jekk tħares lejn il-knisja (il-Għarab kienu jsemmuha Dejr il-Kebîr), tara quddiemek ġonna u fuq il-lemin, *Strada Rjali* li semmejt l-ewwel, u warajha l-iskola u mbagħad id-Dejr bis-saqaf aħmar u l-koppla tal-knisja sewda u l-kanpnar twil twil. Jekk ikun il-Ħadd, ħada l-kanpnar tara l-bandiera bajda bil-ħames slaleb ħomor, tperper mar-riħ. Mal-lemin, fuq djul il-għolja, għadd kbir ta' siġar u bejniethom knejjes żgħar u kmamar, fejn joqogħdu r-Raħbiet Russi. Iżjed 'il hemm, kanpnar ieħor qalb is-siġar ukoll, u żewġ knejjes, waħda fuq l-oħra, taż-Żjara tal-Madonna lil Santa Elizabetta, u Dejr ieħor żgħir tal-Franġiskani wkoll. Warajk għoljiet bil-għelieqi u siġar u djar 'l hawn u 'l hemm, imdawrin bil-ħdura.

Dan huwa r-raħal ta' Għajn Kârem, fejn twieled San Ġwann, qiegħed mhux fil-qiegħ, imma fid-djul ta' ħofra bejn l-iġbla, magħmul minn djar u knejjes qalb is-siġar ta' kull ġens. Xi ħadd semmieħ: *Rokna mill-Ġenna,* u dan l-isem ma tistax tgħid li ma jixraqlux.

FRA MOSE' O.F.M.

---

IT-TIENI TAQSIMA — **IMĦABBA**

# IL-PAJJIŻ TAL-QALB IMQADDSA TA' ĠESU'

Meta wieħed ikun għex għal xi żmien fl-Art Imqaddsa tal-Palestina, ikun għaraf it-toroq tagħha u żar dawk l-imkejjen hekk għeżież, li ma tistax tirfes fihom mingħajr ma tiftakar f'Ġesù, sew bħala tarbija ċkejkna għadha kemm titwieled, sew bħala tfajjel qed jikber fiż-żmien u fil-għerf, sew bħala raġel fil-ġabra ta' Nazzaret jew qalb il-kotra, daħkani jżiegħel bit-tfal żgħar jew imdagħdagħ joħodha mal-profanaturi tat-Tempju, jew fis-sebħ tat-Tabor jew qed imut fuq il-Kalvarju, f'dan il-każ, iva, il-Palestina, iktar mill-pajjiż ta' Ġesù, tidher quddiem għajnejna, *il-pajjiż tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù.*

F'xi mkejjen tal-Palestina, ukoll illum, għadu donnu jinstema' l-ħoss u t-taħbit ta' dik il-Qalb għatxana ta' Ġesù għall-ġid ta' l-erwieħ. Jekk xi darba f'ħajtek, o qarrej, tmissek ix-xorti li tmur fl-Art Imqaddsa, nitolbok: mur żur, imma f'ġabra tar-ruħ, in-naħat tal-baħar tal-Galilija, u tara li donnok tilmaħ quddiem għajnejk dawk it-triqat bħal miżgħuda bin-nies li, għalkemm sa minn tlitt ijiem mingħajr mitrejqa, qegħdin jimxu wara Ġesù; u Ġesù, magħfus minn ħass irqiq f'qalbu, igħid: *"Misereor super turbam!"* U dan il-ħass fil-Qalb ta' Ġesù inti jidhirlek ukoll li tisimgħu hemm fejn Ġesù ħaddan it-tfal iż-żgħar u berikhom, hemm fejn b'għafsa ta' qalb ħares u wiegħġeb lil dak iż-żagħżugħ twajjeb li talbu jfissirlu x'għandu jagħmel biex jidħol fis-saltna tal-Mulej. U